**Tgħid**

Tgħid li int għajjien,
Mgħaddas int f'dak li kien.

Tgħid li saħħtek marret lura
X'qorti tagħmel f'kull buffura!

Dan kollu fejn se jwasslek?
Se jieħdok ħdejn Min ħalqek!

Tgħid li ma tiflaħx,
Trux għal ħuk, ma ġarrabtx!

Tgħid li kollox mar il-baħar
Ieqaf bik nnifsek titfaħar!

B'daqshekk fejn se tispiċċa?
Mhux xi qaddis f'xi niċċa!

Għal darba f'ħajtek
Tiegħem dak li tajtek!

Jekk qed tħossok li issa xjaħt
Agħti, sewwi fejn ixxaħħaħt!

Jekk timxi hekk ħa tkun fl-Għid
Ta' dejjem mhux dak li tgħid!

Patri Mario Attard OFM Cap
13 ta' Frar 2021